MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2007

Numru 1362/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**JAMES SAID**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JAMES SAID** ta’ hamsa w tletin sena bin Publius u Josephine nee Attard, imwieled Pieta nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Marzu 1972 u residenti ‘Olympia’, Triq Clarence, G’Mangia, detentur tal-karta tal-identita numru 202972M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha ta’ Novembru 2007 ghalo habta tal-erbgha ta’ filghodu, fi Triq San Gorg, Paceville, Sal Giljan:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hekk ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, fuq il-persuna tal-Kuntistabbli 1030 Clinton

Theuma, persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-Awtorita Kompetenti;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1030 Clinton Theuma, kif ccerifikat mit-Tabib Doctor Valerio Vella MD tad-Dipartiment tal-Kura Primarja tal-Gzira Health Centre;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna msemmija, liema persuna hija nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamelu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmir tal-pulizija billi gab fix-xejn jew hassar dak li l-pulizija ghamlu skond l-ligi;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal- pubblika.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-erbgha ta' Novembru 2007, certifikat mediku rilaxxjat fil-konfront ta' Clinton Theuma, l-fedina penali tal-imputat, u l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Novembru 2007 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 9 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hamsa ta' Novembru 2007.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-hamsa ta’ Novembru 2007, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta tal-hamsa ta’ Novembru 2007.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali tajba tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu biss reat ta’ kontravenzjoni registrata fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz;

4. Il-fatt li l-imputat skuza ruhu tal-akkadut ftit wara li sehh u dan a tempo vergine tal-investigazzjoni kif jirrizulta minn ezami tal-istqarrija minnu rilaxxjata;

5. Il-feriti subiti mill-Ufficjal PS 1030 Clinton Theuma kienu ta’ natura hafifa.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95, 96(b), 221(1), 222(1)(c), 338(ee) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JAMES SAID hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah b'mod komplessiv ghal hlas ta' multa ta' tlett mija u hamsin lira maltin (LM350), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------